Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 404 / 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Gina Lia**

Illum 22 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Gina Lia detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 81476 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fis-17ta' Mejju 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna/i jew ghall-persuna/i minnghajr ma kellha licenzja mill-Presidentta' Malta u minnghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli

tal-1939 ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi Awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija u minnghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza msemmija u minnghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga; u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghal kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijietta' Malta;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinietx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijietta' Malta liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juri li ma kinietx ghall-uzu esklussiv taghha;

c) Minnghajr l-awtorita legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f' xi parti tal-konfini tal-Habs u cioe fil-Facilita Korrettivata' Kordin oggetti li jkunu specifikatament medicina perikoluza (eroina) liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (1), (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tordna lill-imputata thallas l-ispejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijietta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (l) (a), 22 (2) (b) (i) u 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7 (l) u (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 (h) tal-Kap 9, fuq ammissjoni sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u ikkundannatha ghall-piena ta' hdax il-xahar prigunerija effetiva u multa ta' disa' mija u hamsin ewro li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta, jistghu jithallsu mill-hatja f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro, bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li giet erogata b' din is-sentenza u ghal da nil-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. Madankollu, jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' malta, ordnat lill-hatja thallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fil-mori tal-inkjesta dwar da nil-kaz ossia l-ispejjez tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, tmienja u tmenin ewro, erbgha u disghin centezmu u l-ispejjez tas-Scene of Crime Photographer PS 644 Evan Camilleri, ammontanti ghas-somma ta' erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu. B' kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u sittin centezmu, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mill-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mad-droga esebiti fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan that il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema document ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mill-lum, l-Ufficcjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa neccessarju li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' procedure ohrajn fil-konfront ta' terzi b' dan illi f' da nil-kaz, ir-Registratur ghandu jirraporta lil din il-Qorti, b' verbal meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Finalment l-Ewwel Qorti gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hatja tinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-droga, inkluz billi tinghata l-opportunita li tidhol fi program ghal dan il-ghan. Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Gina Lia, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma u timmodifika l-istess billi filwaqt li ghandha tikkonferma is-sentenza ta l-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi in kwantu sabitha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u in kwantu kkundannata thallas il-multa u l-ispejjes taz-zewg esperti tal-Qorti, tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn giet kkundannata ghal piena karcerarja effettiva ta hdax (11) il-xahar u minnflokk tinfliggi piena karcerarja ghal zmien aktar ridott.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravvju huwa car u manifest u dana qed jinghad fil-konfront u limitatament ghal piena nflitta kif ser jigi elaborat ahjar hawn taht:

1. Illi l-appellanta tapprezza u tifhem illi ghar-reati minnha kommessi u ammessi, L-Ewwel Qorti kienet marbuta li timponi fuqha piena karcerarja effettiva;

2. Illi l-ilment tal-appellanta pero jinsab fiz-zmien ta' karcerazzjoni li giet imposta fuqha tramite din is-sentenza;

3. Illi fil-fatt meta kien hemm rapport favorevoli fil-konfront taghha, id-difiza u l-prosekuzzjoni kienu qed jikkontemplaw piena karcerarja ta' taht is-sitt xhur u dana mhux biss ghax kienet qalbet ghall-ahjar, mhux biss minnhabba ammissjoni bikrija izda il-ghaliex kienu jezistu cirkostanzi fil-ligi fejn il-Qorti

kellha u ghad ghandha s-setgha li tinzel taht il-minimu stipulat fil-ligi. Fil-fatt fil-kunsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti, Hija stess esprimiet ruhha li l-imputata kienet "kkooperat ferm mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2013 il-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata ghandha tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi sfortunatament din il-kunsiderazzjoni jidher li taret bir-rih u l-Ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx tali artikolu benevoli fil-konfront tal-appellanta x' aktarx minnhabba li r-rapport aggornat fuqha ma kienx daqstant posittiv bhal qabel;

5. Illi fil-fatt il-Qorti kkummenta li wahda mir-ragunijiet il-ghala sejra tghaddi ghal piena karcerarja aktar fit-tul kienet proprju biex l-appellanta taghmel uzu tajjeb minn dan iz-zmien billi tipprova tirrijabilita ruhha;

6. Illi pero l-appellanta tirrileva illi hija gia bdiet mixja fit-triq is-sewwa ta rijabilitazzjoni minn meta dan l-ahhar sabet certu stabbilita f' hajjitha. Illi ghalhekk ghandu jkun opportun li fil-mori ta' dawn il-proceduri fl-istadju tal-appell jigi aggornat il-pre-sentencing report fil-konfront taghha sabiex jekk tassew jirrizulta li l-appellanta gia qabdet it-trieq mis-sewwa, dan ghandu jigi rifless fiz-zmien tal-piena karcerarja.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2018 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha stess fl-ismijiet **il-Pulizija vs Brendon Peter Cain**[1] fejn b'mod univoku stqarret li hija ma hix propensa li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Niovembru 2019

cirkostanzi. Kif del resto ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[2]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[3]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[4] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[5]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Ghalhekk din il-Qorti sejra titratta l-aggarvju tal-appellant minn ottika ristretta.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellanti giet akkuzat nhar l-14 ta Dicembru 2012 inter alia b'akkuzi relatati ma traffikar ta' droga gewwa il-konfini tal-Habs li huwa aggravju fih innifsu oltre li giet akkuzata bil-pusses tal-istess droga eroina. Dak in-nhar stress tal-prezentata u cioe' fit-2 ta Lulju 2013 l-appellanti rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha. Irrizulta wkoll li dakinhar stress il-prosekuzzjoni tramite l-ufficcjal prosekutur l-allura spettur Dennis Theuma li hija kient ghenet lill-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni taghha u ghalhekk ghandha tibbenfika minn dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak in-nhar stess id-difiza tablet sabiex jigi imhejji pre-sentencing report a bazi tal-ammissjoni taghha u l-Qorti laqgeht it-talba taghha.

Il-probatin officer Rhona Custo ipprezentat ir-rapport taghha u minn esami ta l-istess jirrizulta s-segwenti: It-trobbija ta' l-appellanti kienet ikkaratterizzata minn vjolenza u abbuz tal-missier fuq l-omm u kemm hi kif ukoll huha kienu ikunu xhieda ta' dan is-swat fuq l-omm. Hija ma

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[3] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[4] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

kellhiex struttura tajba ta' familja u dan hu rifless ukoll fl-ghazla tas-shab taghha. Hija kellha hafna relazzjonijiet ma irgiel li kienu jsawtuha jew idahhluha f'hafna inkwiet. Anke ir-ragel li zzewget meta kienet ghadha zghira kellu l-vizzju tad-droga u spiccat hadet dan il-vizzju wkoll minghandu. Tghid ukoll li minhabba relazzjonijiet problematici li kellha minhabba episodji ta' swat u droga hija spiccat b'sitt itfal minn erbat' irgiel differenti u tlieta biss minn dawn it-tfal jghixu maghha u tlieta ohra jghixu f' familji ta' fostering.

Waqt il-gbir tal-provi ta' dan ir-rapport, il Probation officer tghid li l-appellanti ghamlet sforz biex tirregistra progress kemm fir-rigward ta' sens ta gwida fir-rigward tat-tfal u anke fir-rigward tal-persuna taghha. Qalet li kient qed turi motivazzjoni wkoll biex izomm 'l boghod mid-droga u kien qed jigi esplorat il-possibilta' li ssegwi programm ta' riabilitazzjoni residenzjali.

Minn vista li ghamlet il-probation officer fid-dar tal-appellanti jidher li din ma tinzammx fi stat tajjeb tant li hemm hafna ghamara fin-nofs li trid tigi merfugha u fil-fatt jidher li hemm ambjent kaotiku fir-residenza fejn tghix l-appellanti ma wliedha. Jirrizuta wkoll li l-partner taghha ghandu l-problema tal-loghob tal-azzard u lanqas ma jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal.

Qalet ukoll li ma tantx uriet ko-operazzjoni maghha tant li naqset li tattendi ghal diversi laqghat maghha minkejja li kien hemm tentattivi biex dawn jinghataw lilha f'hinijiet konvenjenti ghaliha.

Il-Probation Officer fil-fatt tghid li in vista tal-fatt li l-appellanti ma tantx ikkooperat maghha tul il-process, il-fatt li hija recidiva, il-fatt li ghandha fedina penali reflettarja, il-fatt li hija inghatat diversi opportunitajiet mill-Qorti biex tghin ruhha izda ma gharfitx tisfrutthom, il-fatt li hija naqset li tgharaf x'kien l-iskop ta' dan ir-rapport u ma gharfitx tisfrutta l-opportunita' li kellha, il-Probation Officer hija tal-fehma li ghandha tinghata piena ta' prigunerija effettiva.

Rat ix-xhieda moghtija mill-Probation Oficer nhar it-18 ta' Frar 2015 u cioe' sentejn wara li l-appellanti kienet tresqet l-Qorti u ghal darb' ohra stqarret li minkejja li hija tat diversi appuntamenti lill-appellanti biex tmur ghandha din falliet hafna minnhom u attendiet biss ghal tnejn minnhom. Stqarret li kien hemm xi professionals li hadu kampjuni tal-awrina taghha u dawn taw rizultat negattiv ghal-presenza ta' droga. Pero' kien qed ikollha problemi mas-sieheb taghha li kienu qed ihallu impatt negattiv fuq it-tfal taghha.

Fis-16 ta Dicembru 2015 xehdet l-appellanti **Gina Lia** u qalet li fis-sena 2009 kienet qed tiehu

d-droga eroina u dejjem tara minn fejn kient ser iggib il-flus biex tixtri din id-droga. Qalet dakinhar li ma kientix aktar dependenti fuq id-droga u kient qed tibni familja, bdiet tiehu l-methadone, bdiet tkellem lill-ufficcjali tas-Sedqa u mxiet il-quddiem. Kienet regghet hadet lura it-tlett itfal li kienu ittihdulha permezz ta' care order. Qalet li binha ibati minn disordni ta' ADHD u ghalhekk lanqas f'istitut ma jista' joqghod u t-tifla taghha ghandha problemi bil-kliewi u fil-fatt recentment anke bdiet tghamlilha 'il-cuts' taqta' lilha innifisha .

Dwar l-incident qalet li hija ghandha lil huha il-habs dan hu Brooks Lia u l-habsin bdew jhedduh li jekk ma nehodilhomx droga il-habs kienu ser isawtuh. Qalet li dan kien Mohsen Ben Ibrahim li kien icemplilha fuq il-mobile u jheddidha. Qalet li kien ikollha contact visit ma dan Mohsen u kienu jaharqu d-droga flimkien.

Il-**Probation Officer Rhona Custo** regghet xehdet nhar l-20 ta' April 2016 u esebiet rapport iehor li gie market bhala dok RC1 li hu update dwar l-appellanti. Stqarret li minn Dicembru 2015 sa dakinhar l-appellanti kient attedniet biss ghal-zewg appuntamenti u stqarret li t-tlett itfal regghu ittiehdu in care ghaliex fejn kienu qed jghixu ma kienx ambjent tajjeb ghalihom. Stqarret li l-appellanti kienet ghada f'realzzjoni li ma tantx kient stabbli. Dwar il-problema tad-droga kien gie ppjanat li tmur taghti kampjun tal-awrina pero' naqset li taghmel dan. Tghid li maghha ammettiet li gieli taghmel uzu mid-droga u li kienet qatghet kull kuntatt li kienet ghamlet mas-Sedqa. L-ahhar kutnatt li kellha kien f'Dicembru 2014. Maghha illum tghix biss tifla wahda li ghandha tlett snin.

Il-**Probation Officer Rhona Custo** regghet xehdet nhar id-29 ta' Marzu 2017 u kkonfermat li giet mitluba taghti update dwar l-appellanti u stqarret li ma kienx hemm ko-operazjoni min naha tal-appellanti mid-dsatax-il appuntament li inghatat din attendiet ghal-tlieta BISS. Il-problema kienet li kienet ghada qed taghmel uzu mid-droga u minhabba li kienet qed tistenna tarbija ohra u minhabba f'hekk kient qed tbati ukoll mid-depression. Qalet li kienet iddecidiet li tmur is Sedqa biex tindirizza il-problema taghha ta' abbuz pero' ma marritx.

Rat ukoll il-fedina penali taghha esebit fl-atti u jirrizulta minn esami tal-istess li ghandha tmien convictions registrati fuqha mis-sena 1996 sas sena 2013 fejn instabet hatja ta' reati dwar pusess ta' armi, falsifikazzjoni, frodi, serq u pusess ta' droga u inghatat probations, ammendi, multi u sentenzi sospizi u cio' nonnostatne ma tghalmitx tant li regghet qeda quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti rat li l-ewwel Qorti kient pacenzjuza hafna mal-appellanti bl-isperanza bla dubbju li tirregistra certu progress waqt l-andament tal-kawza u minkejja li l-kawza damet ghaddejja quddiem l-ewwel Qorti ghall-perjodu ta' sitt snin (mis-sena 2012 sas-

sena 2018) ma gie rregistrat l-ebda progres. L-appellanti kellha problema dwar abbuz ta′ droga u in oltre baqghet bl-istess problema anzi ziedet ghaliex apparti l-problema ta abbuz ta′ droga ghandha aktar tfal x′tiehu hsieb, kollha dependenti fuqha bil-problemi taghha.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat illum appellant u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita′ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu pero′ meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita′ u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta′.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma thoss li ghandha taghti cans lill-appellanti u dan ghaliex temmen li ma ghamlet l-ebda sforz hi stess biex tghin ruhha u tiehu opportunita′ mill-esperjenzi negattivi taghha biex tibni fuqhom. Il-Probation Officer li gie appuntat mill-ewwel Qorti ma kien xejn hlief il-lungo manus tal-Qorti nominat biex prorju jghin lill-appellanti tindirizza l-problemi taghha u minflokk ma hadet din l-opportunita′ moghtija lilha qabdet u kompliet fit-triq il-hazina tant li illum sitt snin wara ghadna qed niddiskutu kaz li hi ammettiet sitt snin ilu. Din il-Qorti xejn ma tiehu pjacir tara li meta hi stess tkun qed tipprova tghin lil min qed jidher quddiemha u tatih kull assistenza possibli u minflok dak li jkun jirkeb fuqha jaqbad u jaghti bis-sieq lil din l-istess opportunita′. Ghalhekk f′dan il-kwadru l-Qorti taqbel perfetament mas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti .

Dwar il-fatt mistqarr fir-rikors tal-appellant li hija kellha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-kap 101, jinghad li fl-atti ma hemm l-ebda prova li hija ghenet lill-prosekuzzjoni sabiex jigi skopert min kien issoministra d-droga u li in effetti ittiehdu passi kriminali kontra dik il-persuna. Ma hux bizzejjed li l-prosekuzzjoni tghid li ghandu japplika l-artikolu 29 tal- kap 101 izda trid taghti ir-raguni vera u valida sabiex jintuza dan il-provediment biex b′hekk ma jkun hemm l-ebda abbuz minnu.

Ghalhekk din il-Qorti qiegdha tichad l-appell tal-appellanti u tikkofnera is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-inteir taghha kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur